MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 830/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Attard Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Sea Malta Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjetajiet

konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu s-somma komplessiva ta' (LM918.23,0) disa mija u tmintax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti hsarat u nuqqasijiet fil-vetturi tal-marka Peugeot appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv waqt illi dawn kienu fil-kura u il-kustodja tal-konvenuti, jew min minnhom, liema vetturi waslu Malta fuq il-bastiment Maltese Falcon fit-28 ta' Gunju, 1999 liema danni diga thallsu mis-socjeta' attrici;

2. Bl-imghax legali mid-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal LM11.50,0 kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Company Limited datata t-18 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, u fi kwalunkwe kaz, id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

2. Illi fit-tieni lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

3. Illi fit-tielet lok it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jigi sottolineat li ghalkemm is-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" giet debitament notifikata bl-avviz odjern fil-konfront taghha kif jidher minn notifika tal-11 ta' Lulju tas-sena 2000, u nonostante l-fatt li l-istess socjeta' konvenuta kienet regolarment rapprezentata fl-atti ta' din il-procedura, din l-istess socjeta' inspjegabbilment baqghet kontumaci;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' Michael Attard Limited kienet importat konsenja ta' 44 vettura mill-port ta' Marsilia fit-28 ta' Gunju ta' l-1999 permezz tal-vapur tas-Sea Malta Company Limited jismu l-Maltese Falcon;

2. Illi meta din il-konsenja vetturi giet spezzjonata nstab li kellha hsarat komplessivament ammontanti ghall-tmin mija u hamsin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, kif jidher mid-dokument immarkat Dok. JF 3 a fol 19 sa 21 tal-process;

3. Illi ai termini tad-dokument immarkat Dok. DV 1 a fol 38 sa 40, u tad-deposizzjoni guramentata a fol 42, is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghal dawn il-hsarat u konsegwentement giet regolarment surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' li sofriet dawn id-danni;

4. Illi mix-xhieda mismugha (ara fol 15), jirrizulta li l-hsarat hawn reklamati ma kienux jezistu meta l-vetturi ttellghu abbord fil-25 ta' Gunju ta' l-1999 izda gew indikati meta iddahhlu Malta fit-28 ta' l-istess xahar;

Ikkonsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited hi estranea ghall-akkadut u r-responsabbilita' kollha ghandha tigi akkollata lis-socjeta' konvenuta l-ohra Sea Malta Company Limited u ghalhekk filwaqt li tillibera lis-

socjeta’ The Cargo Handling Company Limited bl-ispejjez mit-talbiet kontenuti fl-avviz odjern, tiddikjara li s-socjeta’ Sea Malta Company Limited hija responsabbli ghall-hsarat in dizamina; tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta’ tmin mija u tlieta u ghoxrin centezmu; u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Sea Malta Company Limited biex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited bl-aggravju illi hi ma kellhiex tigi akkollata bid-danni kollha riskontrati izda biss dawk li rrizultaw matul il-vjagg, kif ahjar dettaljati fit-‘tally sheet’.

Is-socjeta` attrici wiegbet ghal dan l-appell billi fl-ewwel lok issollevat il-pregudizzjali tan-nullita` ta’ l-appell in kwantu ntalbet “ir-revoka” tas-sentenza u mhux “ir-riforma” taghha, kif hekk kellu jkun. Din il-materja giet iccarata mis-socjeta` appellanti konsegwenti ghall-provvediment ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-28 ta’ Settembru 2001 (fol 65) u ghalhekk mhux il-kaz li wiehed jissofferma fuqha.

Fil-meritu s-socjeta` assiguratrici appellata irribattiet illi jekk jinstab li s-socjeta` konvenuta Cargo Handling Company Limited hi fi htija din is-socjeta’ ghandha tigi hekk ikkundannata.

Is-socjeta’ appellanti tistrieh fuq il-kontenut tat-‘tally sheet’ minnha stess esebit a fol 6 tal-process. Dan id-dokument gie redatt fit-28 ta’ Gunju 1999 mit-‘tally clerk’ dawk tal-vapur, Renato Pullicino (fol 54), fil-mument li l-vetturi, wara li gew skarikati minn fuq il-vapur, kienu dehlin gol-bitha tal-Cargo Handling.

Dan ix-xhud jikkonferma li l-firma fuq dan id-dokument hi dik tat-‘tally clerk’ tal-Cargo Handling Company u dan peress illi t-‘tallying’ kien wiehed ‘joint’. Effettivament il-kontenut tieghu jikkorrispondi f’kull rispett mal-kontenut tat-‘tally sheet’ tal-Cargo Handling u minnha esebita a fol

45 tal-process. Din it-'tally sheet' hi debitament iffirmata miz-zewg 'tally clerks'.

Jirrizulta mill-polza tal-kariku (fol 7) illi l-vetturi tghabbew 'clean on board'. Li jfisser li fil-mument tal-iskarikazzjoni taghhom kien mistenni, b'obbligu, li jitnizzlu fl-istess kundizzjoni tajba ("**Wilfred Mamo et noe –vs- Paul Mifsud et noe**", Appell Kummercjali, 5 ta' Gunju 1987).

Invece, kif rekordjat fuq it-'tally sheets' jirrizulta illi uhud mill-vetturi nstab li kellhom hsarat jew nuqqasijiet.

Is-socjeta` appellanti, filwaqt li tirrikonoxxi l-ezistenza ta' dawn id-danni, ssostni illi r-responsabilita` taghha ghandha tkun limitata ghal dawn l-irjus tad-danni biss u mhux ukoll ghal dawk l-ohrajn li setghu gew riskontrati wara. Dan in bazi ghall-argoment illi l-mument fokali li dwaru l-vapur jista' jinstab fi htija kien dak meta gew kompilati t-'tally sheets'. U allura kienu, skond is-socjeta` appellanti, id-dokumenti li kellhom jitqiesu decizivi biex il-vapur jigi nkolpat bid-danni fihom accertati. Dan limitatament ghal dak precizat u registrat fihom bhala stat ta' fatt.

Issa jirrizulta li jumejn fuq li nhattu minn abbord u l-vetturi kienu gja ghaddew fil-kustodja tas-socjeta` Cargo Handling, is-surveyor John Falzon (fol 15) tas-socjeta` importatrici rrileva numru ta' hsarat u nuqqasijiet (fol 19 sa 21) fil-kors tal-verifiki li ghamel fuq il-vetturi meta dawn kienu fil-car compound taht il-kontroll tal-Cargo Handling. Ghal dan is-survey kien prezenti wkoll Lennart Brincat (fol 22) li kkompila l-'Gate Pass Out' (fol 18).

Minn ezami tan-notamenti tas-surveyor (fol 17) jirrizulta li oltre dak kostat 'a tempo debito' mit-'tally clerks' numru ta' vetturi kellhom il-batterija ixxortjata jew 'flat battery', oltre mankanzi fl-intern, ta' uhud mill-vetturi, bhal 'gear lever knob' u l-'hand book' illi nstab nieqes.

Huwa pacifiku f'kawzi ta' din ix-xorta illi d-dokumenti portwali ghandhom valur probatorju determinanti. Dan in kwantu jikkostitwixxu prova jew ricevuta tal-istat tal-kariku

fil-mument tal-hatt jew fil-mument tar-rilaxx u b'hekk jiccertifikaw it-tragitt tal-merce f'mumenti diversi minn parti ghall-ohra.

B'danakollu l-presunzjoni li joholqu dawn l-istess dokumenti tibqa' wahda 'juris tantum' tal-korrettezza tal-kontenut taghhom. Prova din, li kif ritenut b'bosta decizjonijiet, hi ribattibbli meta jitressqu provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju ta' dak li jkun gie imnizzel fihom, jew naqas milli jigi mnizzel. ("**Joseph Gerada noe –vs- Godwin Abela et noe**", Appell, 19 ta' Gunju 2001; "**Avukat Dottor Giovanni Griscti nomine –vs- John Cooper et nomine**", Appell, 19 ta' Mejju, 2000).

Is-survey li sar qabel ma l-vetturi gew irtirati stabilixxa li gew notati nuqqasijiet u hsarat fil-vetturi oltre dawk konstatati mit-'tally clerks' taz-zewg socjetajiet konvenuti. Dan ma jfisserx li t-'tally' gie kondott b'mod inefficjenti jew b'mod imghaggel jew traskurat. Ifisser biss li s-survey annota items ohra li jkunu sfuggew ghall-attenzjoni tat-'tally clerks'. Qaghda bhal din hi possibbli, anke ghaliex, kif gja manifest, it-'tally sheet' ma kkostitwiex prova tal-kontenut taghha b'mod assolut, u fil-fatt tista' tigi attakkata b'success bi prova ohra kuntrarja. Hekk gara f'dan il-kaz.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li hu l-kaz li ghandha tissindika jew tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti in kwantu dan l-istess apprezzament jirrispekkja r-realta rizultanti mill-provi.

Taghmel rikjam ghal dak ritenut fid-decizjoni "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe –vs- David L. Jones et noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001:-

"Din il-Qorti hi sodisfatta illi l-hsara riskontrata kienet certament tezisti in parte zgur waqt li l-merkanzija de quo kienet ghadha fuq il-vapur, u allura fil-kustodja tas-socjeta' appellanti u l-probabilita` hi li kienet kollha kagjonata fiz-zmien meta din kienet ghadha mghobbija fuq il-vapur. Din il-Qorti tistrieh fuq il-probabilita` ghaliex ma hemm l-ebda ndikazzjoni ta' prova illi l-hsara setghet giet kagunata, jew

anke aggravata, meta l-merkanzija giet konsenjata f'idejn is-socjeta` l-ohra The Cargo Handling Company Limited."

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra addottati mill-ewwel Qorti l-appell interpost qed jigi michud, u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------